# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tmienja (8) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 21 ta' Mejju 2014, fl-10am, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera kienu qablu li l-laqgħa tibda fl-10am peress illi s-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku ma sabu l-ebda ħin ieħor biex ikunu preżenti matul il-ġimgħa u peress illi ma kienx possibli li ssir laqgħa l-ġimgħa ta' wara. Il-kunsillier Carlo Stivala avza li minħabba x-xogħol ma kienx possibli li jattendi laqgħa matul il-ġimgħat u ġie skuzat mil-laqgħa.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻAT: | Carlo Stivala | Kunsillier |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi d-DLG m'aċċetawx it-talba bex issir laqgħa magħhom [ref punt 3.1] rigward il-konfini tagħna fl-area tal-Ħlantun għaliex iħossu li għandna nimxu skont il-konfini li ilhom eżistenti għal dawn l-aħħar għoxrin sena. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi xorta jixtieq illi l-

Kunsill jagħti l-pożiżjoni tiegħu lil MTA. Is-Sindku qal illi għandna nsibu l-emajl ta' meta għamlu t-talba biex jagħmlu l-proġett u naraw x'kienet it-talba eżatti.

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi d-dokument għat-tender tal-Bulky Refuse [ref punt 3.3] huwa lest u tal-istreet sweeping tkun lesta sal-aħħar tax-xahar. Staqsa jekk huwa xewqa tal-kunsilliera li tintuza magna għal dan is-servizz biex ineħħu jew le. Il-kunsilliera qablu li x-xogħol għandu isir [knis u tindif tat-toroq] bl-użu jew mingħajr l-użu tal-magna u għalhekk it-talba għall-magna m'għandhiex tkun parti mill-kundizzjonijiet speċifiki. Is-Sindku qal ukoll illi għandna nagħtu 'default notices' għall-qtugħ tal-ħaxix fejn wara ġimgħa tan-notice l-ħaxix għandu jitneħħa mill-kuntrattur.

3.3 Is-Sindku qal illi t-talba rigward l-ATM għaddiet minn MEPA issa s'issa hemm id-dewmien minħabba il-KNPD [ref punt 3.4]

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi sal-ġurnata tal-laqgħa kien hemm sebgħa u għoxrin persuna li se jmorru għall-ħarġa kulturali [Għawdex: 30/05/2014] [ref punt 3.6]. Qal illi l-Kunsill għadu qed jieħu l-bookings.

3.5 Is-Sindku qal illi kollox mar sew fil-laqgħa tar-Reġjun [ref punt 3.7] u li kien hemm ħafna kunsilliera ta' kunsilli oħrajn illi m'attendewx. Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa għalfejn ir-Reġjun kien se jixtri big screen għall-iskola (ta' €3000) u issa se jagħtu donazzjoni ta' €500 minflok. Is-Sindku qal illi kien hemm ftehim illi l-laqgħa ssir fis-sala tal-komunita għal sitt snin izda minflok il-kunsilli se jeħduha 'in turns' biex jorganizzaw il-laqgħa fil-lokalitajiet tagħhom biex kulħadd ikun jista jgawdi. Żied illi l-iskola xorta se tuza d-donazzjoni biex jixtru screen.

3.6 Is-Sindku qal illi l-mobajls għall-Neighbourhood Watch huma lesti izda kien hemm problema żgħira għax in-numru tal-Vodafone kien imblukkat.

3.7 Is-Sindku qal illi l-ħaddiema tal-IPSL irranġaw it-tabelli ta' triq San Ġwann [ref punt 3.10]. Fuq l-istess tema il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa għall-update fuq it-tabella ta' triq iż-Żurrieq illi waqgħet ftit ijiem qabel il-laqgħa. Is-Sindku qal illi la waqgħet bir-riħ u l-anqas minħabba daqqa ta' vettura (bħal ma kienu qegħdin jgħidu r-residenti). Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna nerġgħu nagħmlu tabella 'one-way' (bħal dik illi waqgħet) għax jekk ikun hemm aċċident għax in-nies jgħaddu minn hemm peress illi m'hemmx tabella, il-Kunsill ikollu jieħu t-tort.

3.8 Is-Sindku qal illi għandu jċempel biex jara fejn waslu rigward ix-xogħol illi qed isir fl-area ta' Ġawħar. Żied illi hemm persuna li uża l-area bħala dumping site minn meta beda x-xogħol. Qal illi ħa jagħmel minn kollox biex isib dan il-persuna għaliex għandu evidenza fuq minn kien.

3.9 Il-Viċi Sindku qal illi l-videographer offra li jagħmel 50 kopja [€5 per DVD] tad-DVD tar-re-enactment [ref punt 3.11]. Is-Sindku qal illi m'aħna se nagħmlu xejn qabel ma nirċievu l-prodott aħna. Il-Kunsill qabel illi l-prezz jinżamm l-istess. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-problema tkun jekk minn dawk il-50 jibqgħu ftit minnhom f'idejna għax nagħmlu telf hekk. Is-Sindku u l-Viċi Sindku qalu li huma kunfidenti li kull min ipparteċipa se jixtieq kopja tad-DVD.

3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Transport Malta rrispondew illi m'hemm l-ebda politika li t-tobba jistgħu jagħmlu reserved parking barra l-kliniks tagħhom. Is-Sindku qal illi għandna nagħmlu 'reserved parking' għat-tobba, l-aqwa li ma ntelfu lil ħadd biex isiru dawn il-parkings.

3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s'issa m'hemmx domanda qawwija għall-iskola sajf 2014 [ref punt 6.3]. Is-Sindku qal illi bi ħsiebu jagħmel skola sajf għat-tfal ta' 2 u 3 years minflok [wara l-laqgħa s-Sindku nforma li ried jirreferi għat-tfal ta' Year 2 u 3 u mhux ta' 2 u 3 snin]. Il-kunsilliera kellhom id-dubji fuq il-possibilita li nikejterjaw għat-tfal ta' 2 jew 3 snin izda peress illi l-etajiet għal xiex għandna nikkejterjaw huma differenti minn dawk imsemmin fil-laqgħa.

3.12 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi fil-laqgħa tal-Kunsill kien hemm ilment illi hemm min jipparkja ħażin minħabba l-użu tal-librerija u għalhekk mhux bilfors illi l-ATM huwa r-raġuni tal-problemi tal-parking fl-area.

**4. Korrespondenza**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-kunsilliera biex jimlew il-kwistjonarju li ntbagħtet mid-Dipartiment [Memo 13/2014].

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa dwar il-pagamenti li saru għad-diesel. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm qbil f'laqħga preċedenti li se nagħtu kumpens lill-ħaddiema tal-IPSL għall-użu tal-karrozzi tagħhom għax-xogħol tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi l-alternattivi huwa illi nixtru van minflok, alternattiva illi ma kinitx aċċetabbli għall-Kunsill.

5.2 Il-kunsilliera qablu fuq il-Payment Approval Sheet u aċċettaw illi jsiru l-pagamenti.

**6. Serata Mużiko-letterarja**

6.1 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi s-serata għandha tkun fuq tema patrijottika fejn se jinqraw poeżiji tar-residenti, kif ukoll tat-tfal tal-iskola.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi n-Novum Ensemble ġew mitlubin jibagħtu kwotazzjoni biex jiġu jdoqqu matul is-serata u kkwotaw prezz ta' €92.

6.3 Il-Viċi Sindku qal illi s-serata għanda tkun maqsuma:

a) Poeżiji/speech mill-għaqda poeżija Maltin
b) 4 gruppi poeżiji, fejn bejn il-qari tal-poeżiji ta' kull grupp se jdoqqu silta n-Novum Ensemble
c) Messaġġ mis-Sindku
d) Finger food/inbid

6.4 Is-serata għandha tibda fis-7pm u tispiċċa fit-8pm.

**7. Ħwejjeġ Oħra**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lil kunsilliera biex jagħtu l-ewwel draft tal-messaġġ tagħhom għall-fuljett li jmiss sal-aħħar tax-xahar ta' Ġunju.

7.2 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk il-Kunsill irċieva update minn Transport Malta rigward l-isleeping policeman. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien bagħat reminders izda ma rċieva l-ebda risposta.

7.3 Il-kunsillier Publius Abdilla għaraf lil Kunsill fuq ammont ta' bozoz madwar ir-raħal illi mhumiex jixgħelu bil-lejl. Is-Sindku ħa nota tagħhom u żied dawk illi kien jaf bihom hu. Il-Kunsill se jibgħat rapport lill-Nexos Street Lighting rigward dawn il-bozoz.

7.4 Il-kunsilliera ddiskuttew il-possibilita li hemm problema tad-drogi fir-raħal. Il-kunsilliera għamluha ċara li kull ażjoni neċċessarja għanda tittieħed biex din il-problema tiġi eradikata mir-raħal.

7.5 Is-Sindku qal illi hemm persuna li qed jilmenta fuq ir-riħa tad-diesel mill-garaxx tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi ma jistax jifhem ir-raġuni għal dal-ilment peress illi l-garaxx qed jintuza bħala store u mhux għal karrozzi u jista jkun illi xi drabi jkun hemm naqra ħsejjes meta jkun qed isir xi xogħol, izda m'hemm użu ta' żejt jew diesel. Qal ukoll illi spjega dan kollu lill-persuna li resaq l-ilment.

**8. Laqgħa li jmiss**

8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-1pm.

8.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fit- 13 ta'Ġunju 2014 fil- 5pm.

Sindku
Francis Callus

Segretarju Eżekuttiv
Anthony Attard